**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Seduta Qawra**

**Il-Pulizija**
**-vs-**
**Jake Palmier detentur tal-karta ta' l-identità numru 123094M.**

*Kawża Nru. 2620/2024*

Illum, 28 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jake Palmier** u ċioe` talli:

Nhar it-30 ta' Novembru 2023 u/jew il-ġimghat u/jew xhur ta' qabel għall-ħabta tal- 00:15hrs u/jew diversi ħinijiet, bħala persuna responsabbli mill-istabbiliment bl-isem 'La Buona Trattoria Del Nonno' sitwat fi Triq San Pawl il-Baħar:

1. Ħaddimt jew ġiegħelt jew ħallejt lil min iħaddem *loud speaker*, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, għamilt jew inkella ġiegħelt jew ħallejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija fi triq, ħanut, f'post pubbliku u/jew f'kull bini ieħor, li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu fil-qrib ċioe' lil Philip Agius.

2. U aktar talli ppermettejt u/jew daqqejt mużika tgħajjat u/jew l-użu ta' *loud speakers* u/jew amplifikata mingħajr liċenzja tal-awtorità kompetenti.

3. U aktar talli bil-lejl ksirt il-mistrieħ tan-nies cioe ta' Philip Agius bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod iehor.

4. U aktar talli ħallejt b'inhar u/jew bil-lejl, kant jew ħsejjes li setgħu dejqu jew b'xi mod iehor jiddisturbaw lil Philip Agius.

5. Meta kellek liċenzja, inqast li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ra' dan l-att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għalina tkun suġġetta l-liċenzja.

6. Semmajt jew daqqejt strument tal-Mużika jew strument ieħor li jagħmel ħoss, jew għannejt, jew, sabiex tbiegħ fit-toroq, tbiegħ, tqassam jew ixxandar xi oġġett, għajjat fi triq, f'ħanut jew f'lok pubbliku ieħor, wara li kont ġejt imwissi fil-qrib, minħabba l-mard ta'persuna f'dak il-bini jew għal xi raġuni oħra tajba, jew wara li ġejt imwissi mill-Pulizija.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex li f' każ ta ħtija tiskwalifika lill-imputati milli ikollhom jew jiksbu dak il- warrant, liċenzja, permess jew awtorità, ghal-perjodu ta' zmien illi il-Qorti jidrilha xieraq skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fl-4 ta' Novembru, 2024.</u>

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-12 ta' Frar, 2025.

Ikkunsidrat,

Kif intqal din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 t'Ottubru, 2024 u l-astensjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, diversament preseduta tad-29 t'Ottubru, 2024.

Illi l-akkuza kif arġinata tirrigwarda l-perjodu bejn it-30 ta' Novembru 2022 u t-30 ta' Novembru, 2023.

Ifisser l-provi qed jingħataw forza probatorja in kwantu li dawn jirreferu għall-istess perjodu.

L-ewwel **Current Incident Report**[1] jiddeskrivi kif l-kwerelant Philip Agius irrapporta mużika għolja ġejja mill-istabbiliment fil-jiem tas-27 t'Ottubru, 2023 u l-1 ta' Novembru 2023.[2]

**Current Incident Report** jirreferi għal rapport li Agius għamel rigward il-lejl tad-29 t'Ottubru, 2023.

L-ebda wieħed minn dawn il-CIRs ma ġie konfermat bil-ġurament.

Mill-Affidavit ta' **Malcolm Zerafa** in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority ġie pruvat li sa mid-19 t'Ottubru 2022 l-imputat kien liċenzjat bħala *substitute.* L-istabbiliment hu reġistrat bħala *Bar Second Class* u *Restaurant.*

**Philip Agius** kkonferma li r-rapporti saru wara li inkwilini ta' appartament faċċata tal-istabbiliment ilmentaw miegħu li ma setgħux jistrieħu bl-istorbju ġenerat mill-istabbiliment. Kien daħħal rapport meta l-inkwilini kienu għadhom jgħixu fih li kien xi xahar wara li sar il-kuntratt tal-kirja u ċioe il-5 ta' Settembru, 2023.[3] Skond Agius l-istorbju u l-mużika damet għaddejja ġimgħatejn sħaħ[4] u xi xahar wara Kienu anke għaddewlu USB b'recording ta' dan l-istorbju.[5]

Jixhed li fil-bidu għamel ġimgħa jgħix f'dan l-appartament iżda <u>baqa' ma jagħtix data ta' meta kienet din il-ġimgħa partikolari</u>.[6] Issemmi biss li wara beda jikri l-appartament u *"Kull darba li jcempilli mmur jien ha nara hux veru"*[7] billi kien imur bil-karozza tiegħu.

Mitlub in kontro-eżami jindika d-dati ta' meta kien imur fuq il-post ma jipprovdix dati jew ħinijiet in partikolari iżda kien fiż-żmien tal-kirja li kif intqal inbdiet f'Settembru 2023; quindi entro il-parametri ta' dawn l-akkużi.

L-istabbiliment kellu saqaf tal-*canvas* fuq barra[8] u għalkemm l-appartament kellu twieqi bid-*double glazing* l-istorbju kien xorta jinstema'.[9] Meta jmur fuq il=post kien jinżel mill-vettura wara li jipparkja faċċata tiegħu.[10]

Ikkunsidrati dawn ir-riżultanzi proċesswali fejn il-USB ma ġietx konfermata bil-ġurament minn min għamel ir-recording ma tistax tingħata xi valur probatorju.

---

[1] Dok.WG2 a fol.9 et seq
[2] Fol.10
[3] **Dok.PA1** a fol.38 et seq
[4] Fol.28-31
[5] **Dok.PA2** a fol.42
[6] Fol.30
[7] Fol.33
[8] Fol.35
[9] Fol.31
[10] Fol.36-37

Daqstant ieħor trattandosi ta' kawża penali bil-piż tal-prova jkun dak taċ-ċertezza morali, il-Qorti qajla tista' tqis l-imputazzjoni ippruvata. Ghalkemm tassew temmen lill-kwerelant li kien qed ikun hemm storbju li kien jinstema minn barra tal-istabbiliment, baqa ma nġabitx id-debita prova tal-ħinijiet u dati partikolari meta seħħ dan.

B'#konsegwenza lanqas ma nġabu provi li jorbtu lill-imputat mal-għemil inkriminat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D. Mag.Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**